**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**It-Tabib Dottor Alfred Azzopardi (ID685839M), Anthony Emanuel Azzopardi (ID 908744M), Maria Dolores sive Doris Cauchi (ID 323843M), Suor Josephine Azzopardi (ID 257938M), John Azzopardi Vella (ID 466438M), Marlene Caruana Haber (ID 701536M) u Elisabeth Miller (ID 161447M)**

**vs**

**Dr Martin Fenech LL.D u l-Prokuratrici Legali Madeline Firman bhala kuraturi deputati, nominati permezz ta' dikriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 3 ta' Ottubru 2011, sabiex jirrapprezentaw lil Christopher Galea li jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Rikors Numru: 118/16 JD**

Illum 7 ta' Frar 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru mija u wiehed (101), Triq Santa Lucija, Valletta, Malta.

Illi permezz ta' skrittura datata hamsa u ghoxrin (25) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) hawn allegata bhala Dok 'A', l-awtrici fit-titolu tal-esponenti, u cioe' Adeodata Azzopardi, kkoncediet lill-intimat Christopher Galea b'titolu ta' lokazzjoni l-precitat fond ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin, hamsa (5) di fermo u hamsa (5) di rispetto, dekoribbli mit-tmintax (18) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) versu l-kera ta' sitta u tletin lira (Lm36) ossia

tlieta u tmenin euro u tmenin centezmu (€83.86) fis-sena pagabbli trimestralment bil-quddiem.

Illi ghaldaqstant il-precitata lokazzjoni skadiet fis-sbatax (17) t'Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009).

Illi inoltre l-intimat ilu ghal diversi snin ighix barra minn Malta u mhux qed jaghmel uzu minn dan il-fond u bhala konsegwenza, biddel id-destinazzjoni tieghu.

Illi inoltre' l-intimat ilu snin twal ma jhallas il-kera.

Illi ghal kull bwon fini, minkejja illi l-lokazzjoni in kwistjoni ilha li skadiet kif diga' ntqal, l-intimat gie debitament interpellat sabiex jizgombra mill-fond de quo permezz ta' zewg ittri ufficjali tad-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn allegati bhala Dok 'B' u 'C' rispettivament, imma xorta baqa' inadempjenti.

Illi konsegwentement jehtieg illi l-intimat, li sallum ghadu fil-pussess tal-fond de quo, jigi ordnat li jizgombra u jivvaka mill-fond de quo u jirrilaxxa l-pussess liberu u vakanti tal-fond bin-numru 101 fi Triq Santa Lucija, Valletta favur ir-rikorrenti, u safejn jafu r-rikorrenti, l-intimat ma ghandhux difiza x'jaghti kontra t-talba ghall-izgumbrament.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-proceduri japplikaw id-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti t-Tabib Dottor Alfred Azzopardi qieghed kontestwalment jahlef dikjarazzjoni tal-fatti hawn premessi, liema dikjarazzjoni qieghda tigi hawn annessa bhala Dok 'D' u dan ai termini tal-artikolu 16A(1)(a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu ghalhekk l-intimati nomine ghaliex da nil-Bord ma ghandux, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni:

(1) jaqta' u jiddeciedi dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u cjoe' bid-dispensa tas-smiegh tal-proceduri;
(2) jiddikjara illi l-intimat m'ghandux titolu sabiex jibqa' jokkupa l-fond bin-numru mija u wiehed (101) fi Triq Santa Lucija, Valletta;
(3) jordna lill-intimat, sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, jitlaq u jizgombra mill-fond bin-numru mija u wiehed (101), Triq Santa Lucija, Valletta u jirrilaxxa l-pussess vakanti tal-istess fond favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz dawk tal-ittri ufficjali numri 3070/11 u 2506/16.

Bis-subizzjoni li minn issa l-intimat huwa ngunt.

Rat in-nota ta' Dr Martin Fenech et fejn gie dikjarat li l-kuraturi mhumiex edott mill-fatti u rrizervaw li jissottomeetu risposta ulterjorment meta jkunu jafu il-fatti sew.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2017.

Sema' lil Dr Martin Fenech fis-seduta tallum bhala kuratur deputat jinforma lill-Bord li baghat email lil Christopher Galea izda ma rcieva l-ebda risposta u ghalhekk irrimetta ruhu ghat-talbiet.

Sema' lir-rikorrent Dr Azzopardi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi mill-atti jirrizulta li Christopher Galea kera l-fond inkwistjoni minghand Adeodata Azzopardi permezz tal-iskrittura datata 25 ta' Awwissu 1999 ghal ghaxar snin. Ir-rikorrenti huma l-werrieta ta' Adeodata Azzopardi. Ir-rikorrenti permezz tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru 2011 taw il-congedo fit-termini tal-ligi lill-intimat. Din l-ittra giet notifikata. L-intimat baqa' fil-pussess tal-fond ghalkemm ighix barra minn Malta u naqas ukoll li jhallas il-kera. Intbaghtet ittra ufficjali ohra fis-26 ta' Lulju 2016 fejn ghal darb'ohra r-rikorrent taw il-congedo lill-intimat izda dan baqa' inadempjenti billi ma rritornax il-fond. Din is-sitwazzjoni ghada vigenti sallum. Ghalhekk m'hemmx dubju li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ai fini tat-tielet talba tordna lill-intimat sabiex jitlaq u jizgombra mill-fond bin-numru 101, Triq Santa Lucija, Valletta u jirrilaxxa l-pussess vakanti tal-istess fond favur ir-rikorrenti fi zmien perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur